Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-9 ta' Dicembru 2024**

**Kump. Nru. 151/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**David Sammut Micallef**
**(ID Nru. 0437394M)**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet kontra David Sammut Micallef, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0437394M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Marzu 2021 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ripetutament fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkaguna lill-mara tieghu u cioe' Guadalupe Sammut Micallef, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, u dan fil-prezenza tal-wild minuri li l-koppja ghandhom in komuni, u cioe' Samuel Sammut Micallef, u dan meta l-istess David Sammut Micallef kien qabel gie misjub hati ta' delitt ta' xorta simili

U aktar talli fl-14 ta' Marzu 2021 gewwa z- Zurrieq;

2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 250 Ewro ghad-dannu tal-mara tieghu u cioe' Guadalupe Sammut Micallef.

3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Dott. C. Scerri Herrera, LL.D. nhar is-6 ta' Dicembru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra David Sammut Micallef a beneficcju ta' Guadalupe Sammut Micallef u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' Guadalupe Sammut Micallef u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil David Sammut Micallef b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmi David Sammut Micallef sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat ir-Rikors ta' Guadalupe Micallef datat 28 ta' Frar 2024.

Rat illi l-*parte civile* Guadalupe Micallef fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024, iddikjarat bil-gurament, illi mhux ser tixhed fil-kawza odjerna u rrinunzjat ghal dak kollu rinunzjabbli u talbet sabiex il-kawza odjerna titwaqqaf.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-18 ta' Novembru 2024, semghat lill-istess Guadalupe Micallef, fejn ghal darb'ohra regghet tenniet illi hi qed tirrinunzja ghal dak kollu rinunnzjabbli u qed titlob sabiex dawn il-proceduri jitwaqqfu ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024 il-partijiet irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti.

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkunsidrat illi huwa fl-ahjar interess ta' l-istess *parte civile* Guadalupe Micallef u tat-tifel minuri tall-partijiet, illi dawn il-proceduri ma jitkomplewx.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara Procediment Ezawrit.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat